# KUNSILL LOKALI LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 15 – IL-HAMIS 11 TA' AWWISSU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-4.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP - TOROQ

2.1 Il-Perit tal-Kunsill, Mr. John Rizzo Naudi, ikkonferma r-rapport li kien ghamel wara li kienu infethu t-'tenders' fir-rigward tal-PPP toroq fejn irrakomanda li t-'tender' ta' Polidano Brothers, ghas-somma ta' €303,664.80 bil-VAT inkluza, kienet l-aktar wahda vantaggjuza u teknikament kapaci twettaq ix-xogholijiet mitluba fit-tender.

2.2 Il-Perit irrisponda ukoll id-domandi li saru mill-kunsilliera dwar ir-rapport li huwa kien issotometta dwar dawn it-tenders (kopja tar-rapport annessa).

2.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, sekondat mill-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni sabiex it-‘tender’ ta’ Polidano Brothers tkun approvata biex tinghata l-kuntratt ta’ xoghol kif spejgat fis-sejha tat-tenders – PPP toroq.

2.4 Il-Kunsilliera unanimament approvaw din il-mozzjoni ghar-raguni li din kienet l-aktar wahda vantagjuza kif spjegat fir-rapport mill-Perit tal-Kunsill u dan wara li kien hemm konferma mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li dan approva t-tibdil fit-talba originali li kien ghamel il-Kunsill fl-applikazzjoni ghall-fondi biex jitwettaq dan il-progett.

2.5 Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghandu jkun infurmat b’din id-decizjoni biex jghati l-approvazzjoni halli jkun iffermat il-ftehim ta’ xoghol bejn il-Kunsill u Polidano Brothers.

## 3. ANTENNA – PREZIOSI STREET

3.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, stieden lil Dr. Chris Balzan, l-avukat li qieghed jirraprezata l-Kunsill fil-kawza li dan qieghed jghamel kontra l-Melita Plc., biex ikompli jispjega s-sitwazzjoni prezenti dwar din il-kawza.

3.2 Dr. Balzan ghamel referenza dwar decizjoni unanima mill-Kunsill ta’ qabel din il-legislatura sabiex huwa jiehu l-inkarigu jiftah kawza kontra Ms. Rosanne Zammit, sid il-post, u l-kumpaniji li ghandhom x’jaqsmu ma’ l-Antenna fi Triq Preziosi, Lija.

3.3 Din l-Antenna kienet tpoggiet minghajr ebda konsultazzjoni la mar-residenti u lanqas mal-Kunsill Lokali ta’ Hal Lija.

3.4 Apparti minn dan, l-emissjonijiet minn din l-Antenna hemm probablita li dawn jikkawzaw periklu ghas-sahha tar-residenti li jghixu ftit metri biss minn din l-Antenna.

3.5 Espert imqabbad mill-qorti ssottometta r-rapport tieghu u l-Melita Plc. giet mitluba mill-qorti biex tissottometti domandi bil-miktub biex dawn ikunu mwiegba mill-espert.

3.6 Dr. Balzan qal li f’dan l-istajdu preliminari huwa difficli biex wiehed jasal jikkwantifika l-ispejjez ta’ din il-kawza.

3.7 Huwa qal ukoll li huwa kien qieghed izomm il-Kunsill infurmat b’landament ta’ din il-kawza.

3.8 Fis-seduti ta’ din il-kawza qieghed ikun hemm ukoll Segretarju Ezekuttiv, Kunsilliera, u whud mir-residenti minn Hal Lija.

3.9 Huwa qal ukoll li kienu nzammu diversi laqghat mar-residenti biex dawn ikunu nfurmati b'dak kollu li kien ghaddej fir-rigward ta' din il-kawza.

3.10 Dr. Balzan semma ukoll li kien hemm diversi persuni li kienu ntizi fuq dan is-suggett u li kienu lesti joffru s-servizz taghhom possibilment minghajr hlas.

3.11 Il-Kunsilliera unanimament qablu li ghandhom ikomplu din il-kawza f'dan l-istadju preliminari sa kemm ikun hemm aktar zvilluppi mis-sitwazzjoni prezenti f'din il-kawza.

3.12 Is-Sindku rringrazzja lil Dr. Chris Balzan tal-hidma professjonarju tieghu f'dan il-kaz. Huwa qal ukoll li kien ser ikompli bil-hidma tieghu biex flimkien mal-Kunsilliera ikompli jahdem biex jissalvagwardja l-interess tar-residenti fil-lokalita.

## 4. CENTRU REKREATTIV

4.1 Is-Sindku nforma l-Kunsilliera dwar l-upgrading li kien qieghed isir gewwa c-Centru Rekreattiv fi Vjal Transfiguration. Huwa qal li wiehed seta jinnota d-differenza fid-dehra ta' dan il-post li minbarra li qieghed jinzamm nadif, il-gonna gewwa dan il-post huwa mimlijin bil-fjuri. Dehra li hija differenti minn dik ta ftit zmien ilu. U grazzi ghall-hidma li qieghda tigi mwetqa mill-gardinar flimkien mal-haddiema tal-Kunsill.

4.2 Qeghdin isiru tiswijiet biex jitrangaw il-bankijiet ta' l-injam kif ukoll qieghed ikun irrangat id-dwal f'dan il-post.

4.3 Il-'play area' qeghda tkun dejjem miftuha taht sorveljenza ta' wiehed mill-haddiema tal-Kunsill u wara qieghed ikun hemm ukoll supervizzjoni mill-warden imqabbad ghas-spejjes tal-Kunsill. Dan ghar-raguni li prezentament minhabba l-festi tas-sajf, ma kienx qieghed ikun hemm Pulizija disponnibli fid-distrett biex jaghmel dan ix-xoghol fir-rahal.

## 5. AFFARIJIET OHRA

5.1 Il-Vici-Sindku gibdet l-attenzjoni li kien mehtieg li jsir zbir tas-sigar gholjin fl-inhawi tal-housing estate u f'xi bnadi ohra. Ghal din ir-raguni ghandhom jigu avzati l-gardinar u l-ELC biex jaghmlu dan ix-xoghol.

5.2 Is-Sinjorina, Ms. Lorraine Farrugia, issuggeriet biex isiru l-'bring-in sites' fl-area ta' hdejn Triq Egidjo Lapira. Dan is-suggeriment, qabel ma jitwettaq, irid ikun hemm kunsens minghand ir-residenti f'din iz-zona biex jigu evitati problemi li jitfaccaw kull meta jitpoggew dawn l-'iskips'.

5.3 Is-Sinjorina, Ms Lorraine Farrugia, issugeriet biex tinzamm attivita kulturali fejn in-nies jittiehdu jaraw underwater safari. Ghal din ir-raguni, ghandha tingabar aktar informazzjoni fuq dan is-suggeriment.

5.4 Il-Kunsillier, Dr Mark Sant, ghamel diversi domandi li kienu mwiegba mis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar. Dawn kienu jirrigwardjaw, fost affarijiet ohra, webpage tal-Kunsill, arbitragg dwar claim ta' hsarat, installazzjoni ta' pannelli fotovoltajci fil-premises tal-Kunsill, xoghol fic-Centru Rekreattiv u fil-'play area' tal-Mirakli, sinjali tat-traffiku, kif ukoll dwar l-ahhar zvillup fil-progett tal-Blokrete fi Triq il-Mosta. Huwa saqsa ukoll dwar il-pjan ta' hidma tal-Kunsill u dwar il-laqgha ma rapprezentat tal-Malta Transport li nzammet fi 12 ta' Lulju 2010 u jekk saret l-ittra bil-proposti msemmija waqt din il-laghqa.

5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv, Mr. Alfred Buhagiar, irrispondha ghal dawn id-domandi u ghamel spjegazzjoni sa fejn kien possibli. Aktar informazjoni ghandha tinghata fl-laqgha li jmiss. Dwar il-pjan ta hidma, dan ghandhu jigi aggornat ghar-raguni li fil-prezent il-Kunsill kien ghamel diversi talbiet ghal progetti, fosthom il-progett tat-toroq li gie approvat fil-granet li ghaddew u dan zgur ser jaghmel differenza fil-pjan ta hidma tal-Kunsill.

## 6. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

6.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.15p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 1 ta' Settembru 2010 fl-5.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv